MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 1000/2003

**Colleen Burgess-Cooke.**

**vs**

**Emanuel Borg.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 1 ta' Ottubru 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolmenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, gew kagunati danni lill-attrici meta hija sefghet

imtajra mill-konvenut fid-29 ta’ Settembru 2002 gewwa San Pawl il-Bahar, Triq San Pawl.

Illi bhala rizultat ta’ dan l-incident l-attrici soffriet danni personali li konsegwenza taghhom ma setghetx tmur ix-xoghol.

Illi minkejja kull interpellazzjoni, ma kienx hemm risarciment mill-konvenut;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici meta hija sefghet imtajra mill-konvenut filwaqt illi huwa kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Peugeot, u dan fid-29 ta’ Settembru 2002 gewwa Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar;

2. Tillikwida d-danni kagonati, jekk hemm bzonn permezz ta’ perit nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tad-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 2 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit a fol. 2 sa 9 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas-27 ta’ Frar 2004.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-27 ta’ Frar 2004 u l-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Mejju 2004 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenut ghall-15 ta’ Gunju 2004.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 26 ta’ Mejju 2004 a fol. 18 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi qatt ma kien hemm oppozizzjoni da parti ta’ l-eccipjenti jew ta’ l-assikurazzjoni tieghu sabiex favur l-attrici jkun hemm likwidazzjoni u eventwali hlas tad-danni minnha attwalment u materjalment subiti bhala konsegwenza ta’ l-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

2. Illi d-danni li l-attrici kif pretiz fil-kawza odjerna ma kienux debitament pruvati u gustifikati fl-istadju precedenti ghall-prezentata tac-citazzjoni.

3. Fi kwalunkwe kaz, l-eccipjent m’ghandux ibati spejjes gudizzjari ghaliex *tramite* l-assikurazzjoni tieghu kien dejjem lest jasal ghal likwidazzjoni gusta u skond il-ligi tad-danni spettanti lill-attrici qabel giet intavolata din il-kawza.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 19 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit a fol. 19 sa 23 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-15 ta’ Gunju 2004; tas-26 ta’ Ottubru 2004; tal-10 ta’ Dicembru 2004; tas-16 ta’ Frar 2005; tat-13 ta’ April 2005; u tat-8 ta’ Gunju 2005 fejn il-kawza giet differita ghad-19 ta’ Ottubru 2005.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 8 ta’ Gunju 2005 a fol. 31 tal-process li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess (Dok. “CBC”).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-19 ta’ Ottubru 2005 fejn Dr. Edwina Grima pprezentat l-original ta’ l-affidavits u dokumenti li kopja

taghhom tinsab a fol. 32 sa fol. 56 tal-process odjern. Il-kawza giet differita ghat-13 ta’ Jannar 2006 ghall-provi kollha ta’ l-attrici.

Rat l-ordni tal-Qorti kif hekk presjeduta tat-13 ta’ Jannar 2006 u l-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-istess Qorti presjeduta tat-2 ta’ Frar 2006; u tal-4 ta’ April 2006 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Edwina Grima ghall-attrici li prezentat l-affidavit taghha *seduta stante* u kkonfermat li m’ghandhiex aktar provi. Il-Qorti kkonfermat id-digriet ghall-prezentata ta’ l-affidavits tal-konvenut kif degretat fit-2 ta’ Frar 2006 u nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli sabiex izzomm zewg seduti (2) fil-mori tal-kawza ta’ dan id-differiment, ghall-kontro-ezamijiet kollha relattivi, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura ta’ l-affidavit, u l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-1 ta’ Novembru 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli tal-10 ta’ Lulju 2006 kif kienet ordnatilha l-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tal-1 ta’ Novembru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Zammit McKeon ghall-konvenut. Prezenti l-attrici. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex tiffissa seduta fix-xahar ta’ Jannar 2007 biex isir il-kontro-ezami ta’ l-attrici, u b’dan l-istess attrici ghandha tigi avzata mmedjatament. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli u ordnatilha biex izzomm tliet seduti fil-mori ta’ dan id-differiment ghall-provi u kontro-ezamijiet kollha relattivi tal-konvenut (b’wahda minnhom fil-21 ta’ Novembru 2006), liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura ta’ l-affidavit, il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-13 ta’ Frar 2007.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli tal-15 ta’ Dicembru 2006; tat-2 ta’ Marzu 2007; tat-13 ta’ Marzu 2007; u tat-23 ta’ Mejju 2007.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-5 ta' Gunju 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri prezenti talbu li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-attrici biex jipprezentaw in-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom erbghin (40) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal- konvenut jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghda titlob danni personali *stante* li hija sfat imtajra mill-konvenut meta kien qieghed isuq il-vettura tieghu.

Illi bhala fatti li rrizultaw mill-provi prodotti jibda biex jinghad mill-ewwel li din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni tar-responsabbilta' *o meno* tal-incident in kwistjoni *stante* li l-konvenut ammetta r-responsabbilita' tieghu. Infatti fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut eccepixxa li qatt ma kien hemm opposizzjoni min-naha tieghu jew tal-assikurazzjoni tieghu sabiex ikun hemm likwidazzjoni u hlas ta' danni favur l-attrici.

Illi ghalhekk il-kawza hija dwar il-kwistjoni ta' danni li qed tippretendi l-attrici, li jidher li l-konvenut ma qabilx dwarhom. Fil-fatt jinghad li jirrizulta li l-incident in kwistjoni sehh fid-29 ta' Settembru 2002 meta l-attrici kienet Malta

ghall-btala. Wara ezamijiet li sarulha fl-Isptar irrizulta li hija sofriet *“a hairline fracture of the distal fibula”* u nghatat pilloli ghal kontra l-ugiegh.

Illi l-attrici tahdem bhala *legal accountant/trouble shooter* ghal ditti ta’ avukati f’Londra. Hija tahdem fuq bazi ta’ kuntratti li generalment ikunu ghal perjodu ta’ sitt xhur. Mid-dokumentazzjoni pprezentata rrizulta li fiz-zminijiet ta’ l-incident l-attrici kellha bhala salarju bejn £48,000 - £50,000 fis-sena.

Illi fil-gurnata li sehh l-incident fid-29 ta’ Settembru 2002 hija kienet bla xoghol ghaliex l-ahhar kuntratt li kellha kien spicca fl-10 ta’ Settembru 2002 (vide Dok. “JB2” a fol.137 tal-process).

Illi wara l-incident hija regghet bdiet fit-28 ta’ Novembru 2002. L-attrici qeghda titlob danni biss ghall-perjodu ta’ sitt gimghat mid-data ta’ meta sehh l-incident u allura mid-29 ta’ Settembru 2002 sas-27 ta’ Novembru 2002.

Illi l-assikurazzjoni tal-konvenut baghtet lill-attrici sabiex tmur ghand Mr Frederick Zammit Maempel ghal ezami. Skond ir-rapport datat 19 ta’ Ottubru 2002 (Dok. “1” a fol. 21 tal-process) li thejja minnu jirrizulta li huwa ezamina lill-attrici gimghatejn wara li ttajjret u cjoe’ fit-12 ta’ Ottubru 2002. Huwa kkummenta hekk li rrizulta li l-istess attrici kienet giet milquta minn karozza u *“she felt badly bruised all over. She lost consciousness very briefly, and was helped and was taken to a friend’s house nearby. She felt badly bruised all over, and developed a pain in the right anke. She was taken to Mosta Polyclinic and was directed to go to St. Luke’s Hospital. She was examined by the Casualty Officer and x-rays of her ankle were taken. She was told that she sustained a hairline fracture of the distal fibula, and was given the choice of plaster or ban dinging. She opted for bandaging, and was also given some analgesic tablets and was sent home to rest. She was advised to consult her local hospital on repatriation to the UK”.*

*"The clinical examination reveals tenderness over the fibular bone as well as over the Achilles tendon. The ankle joint had some restriction of dorsiflexion and the x rays reveal no fresh or healing bony injury. Ms Burgess Cooke may have sprained her ankle in the accident in question, however this sprain must have been very mild because there was no hint of a mature bruise or any swelling over this ankle. In conclusion, Ms Burgess Cooke is expected to recover fully. She has no permanent disability as a result of the accident of 29.9.2002."*

Illi fix-xhieda tieghu *viva voce* Mr. Frederick Zammit Maempel spjega li *sprain* iddum sitt gimghat l-aktar biex icedilek. Kemm bniedem idum biex jerga' jibda jghix hajja normali jiddependi mix-xoghol li jkollu l-individwu.

Illi l-attrici xehdet fl-affidavit taghha li ghax-xoghol taghha *"I have to be fit and healthy to be efficient in my work which entails various daily meetings with partners in different offices."* Hija xehdet ukoll li l-agent taghha Colin D. Conn dejjem kien isibilha kuntratti godda meta l-kuntratt taghha jkun skada u dejjem sabet xoghol u bdiet tahdem ma' kumpanija ohra. Hija xehdet li wara l-incident, waqt li kienet ghadha Malta, l-agent taghha nfurmaha telefonikament li hija kienet ghadha kemm giet offruta kuntratt iehor u li hija kellha tibda tahdem fl-4 ta' Ottubru 2002. L-attrici nfurmatu li hija ma setghetx tibda tahdem fid-data minnu msemmija minhabba l-incident u b'hekk tilfet dak il-kuntratt. Fil-kontro-ezami taghha hija spjegat li t-tip ta' xoghol li taghmel tigi offerta kuntratt pero' jekk ma tkunx tista' l-kumpanija mhux se toqghod tistennik u allura tqabbad lil haddiehor.

Illi mid-dokumenti prezentati, partikolarment il-*curriculum vitae* (a fol.52 *et seq* tal-process) jirrizulta li l-attrici kwazi dejjem sabet xoghol hekk kif skadilha kuntratt. L-itwal perjodu infatti bejn kuntratt u iehor kien proprju f'dak iz-zmien ta' meta sehh l-incident. L-attrici pero' qieghda titlob danni biss ghall-perjodu ta' sitt gimghat u cioe' l-perjodu sakemm saqajha fieqet. Jinghad li l-attrici sostniet li l-agent taghha cemplilha biex tibda xoghol fl-4 ta' Ottubru 2002. Fl-ittra li pprezentat l-attrici (a fol. 39 tal-process)

mibghuta minn Colin Conn huwa kkonferma s-salarju li s-soltu jkollha l-attrici u t-tip ta’ xoghol li taghmel. Pero’ huwa ma kkonfermax li fil-fatt kien offrilha x-xoghol li hija semmiet. Min-naha l-ohra hija kkonfermat tali asserzjoni bil-gurament taghha u l-konvenut ma ppruvax il-kuntrarju.

Illi l-**artikolu 1045 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** jipprovdi li :-

*“Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta’ qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta’ qliegh li tbati ‘l quddiem minhabba inkapacita’ ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta’ jgib.”*

Illi fl-**artikolu 1045 (2)** tali *“somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita’ tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b’mod partikolari, x-xorta u l-grad ta’ inkapacita’ kkagunata, u l-kundizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.”*

Illi din il-Qorti, kif presjeduta, diga’ kellha hafna okkazjonijiet fejn irreferiet ghall-principji li jirregolaw dan l-istitut, fosthom is-sentenza fl-ismijiet **“Darren Sammut vs Eric Zammit” (Cit. Nru: 915/96/RCP deciza fid-29/11/2001).** Illi kif intqal f’dik l-istess sentenza :-

*“Illi aktar jidher car li a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija fl-atitudni wiesgha mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta r-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat.”*

Illi din il-Qorti hija sodisfatta li kien hemm perjodu wara l-incident fejn l-attrici ma setghetx tahdem. Dan ghaliex Mr. Zammit Maempel innifsu xehed li *sprained ankle* trid

massimu ta' sitt gimghat biex tghaddilek. Irrizulta li t-tip ta' xoghol ta' l-attrici li tahdem gewwa Londra huwa wiehed li jirrikjedi li tilbes pulit u li jkollha anki *meetings* barra mill-ufficcju u allura bilfors trid tkun f'kundizzjoni ta' sahha tajba b'tali mod li tista' ticcaqlaq minn post ghal iehor b'certu facilita'. Kif inghad hija qed titlob danni ghal sitt gimghat ghax ma setghetx tahdem f'dak il-perjodu. Huwa zgur li l-attrici meta jigi kkunsidrat x'tip ta' xoghol taghmel fuq bazi ta' kuntratt li kif tinghazel trid tmur immedjatament ma setghetx, almenu fil-bidu li wegghet, tibda tfittex xoghol ghax kieku ntghazlet ma setghetx tmur.

Illi ghalhekk tenut kont ta' dan kollu u ta' l-introjtu ta' l-attrici kif dokumentat u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti thoss li ghandha tillikwida d-danni b'mod *arbitrio boni viri* u wara li ghamlet valutazzjoni ekwittativa (**"Margaret Camilleri et vs The Cargo Handing Co. Ltd"** – P.A. (PS) 13 ta' Ottubru 2004; **"Charles Attard vs Carmela Frendo et"** – P.A. (PS) **–** 31 ta' Jannar 2003) tat-telf soffert mill-attrici thoss li dan ghandu jigi likwidat fl-ammont ta' elf u tliet mitt lira Maltin (Lm1,300) (€3,028.19). Ir-raguni li qed tinghata din is-somma hija li fiz-zmien li gara l-incident l-attrici ma kinetx qed tahdem u ma kellha xejn f'idejha fis-sod. Izda min-naha l-ohra fil-perjodu ta' konvalaxxenza ma setghetx tfittex xoghol fil-kundizzjoni li kienet u dan minhabba n-natura tax-xoghol taghha kif fuq spjegat u din il-Qorti jirrizultalha li effettivament ma setghetx taccetta xoghol ghall-perjodu li jista' jvarja bejn tliet gimghat sa massimu ta' sitt gimghat, ghalkemm jista' jinghad li jidher li fl-istess rapport mediku hija stess indikat lill-espert mediku li *"she had to delay going back to work by three weeks".*

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi :

1) Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici meta hija sefghet imtajra mill-konvenut filwaqt li huwa kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Peugeot, u dan fid-29 ta' Settembru 2002, gewwa Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar u dan minhabba li jidher li mill-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hemm ammissjoni ghall-istess.

2) Tillikwida d-danni kagonati fl-ammont ta' elf u tliet mitt lira Maltin (Lm1,300) [ekwivalenti ghal tliet elef u tmienja u ghoxrin Ewro u dsatax-il centezmu ta' l-Ewro] (€3,028.19);

3) Tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' elf u tliet mitt lira Maltin (LM1,300) [ekwivalenti ghal tliet elef u tmienja u ghoxrin Ewro u dsatax-il centezmu ta' l-Ewro] (€3,028.19) *in linea* ta' danni.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li dwar il-kap ta' l-ispejjez dawn ghandhom jibghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------